**MALTA**
**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 99/2021VG**

**Wara l-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv Nru. 2957/2011 fl-ismijiet:**

**Mobisle Communications Ltd.**

**Vs**

**Susan Muscat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Susan Muscat fil-15 ta' April 2021 permezz ta' liema titlob li l-Qorti, għar-raġunijiet minnha esposti fir-Rikors, jogħġobha tawtorizzaha sabiex kull xahar tirtira l-paga tagħha, liema paga tiġi depożitata fil-kont bankarju tagħha, u li tiġbed ukoll l-ammonti li digà ġew depożitati bħala pagi ta' Frar u Marzu, f'ammonti li ma jaqbżux is-sitt mija u tmienja u disgħin Euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€698.81) fix-xahar, u dan taħt dawk il-kundizzjonijiet u provvedimenti li l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni;

Rat id-dokument anness mar-Rikors promotur;

Rat ir-Risposta tas-soċjetà GO p.l.c. permezz ta' liema topponi għat-talbiet tar-Rikorrenti u titlob li l-istess jiġu miċħuda stante li: (i) it-talbiet tagħha huma nulli in kwantu huma rivolti fil-konfront ta' soċjetà li ġiet stralċjata minn fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet wara li b'effett mid-19 ta' Diċembru 2015 l-imsemmija soċjetà Mobisle Communications Limited ġiet amalgamata fis-soċjetà GO p.l.c., hekk kif jirriżulta mid-dokument Dok. "A" anness mar-Risposta; (ii) il-Mandat ta' Sekwestru fil-konfront tar-Rikorrenti ma ġiex intavolat fir-rigward ta' xi kategorija indikata fl-Artikolu 381(1)(a) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda sar biss fil-konfront ta' numru ta' banek flimkien mar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali bħala sekwestratarju għal flejjes li huma jistgħu jkollhom depożitati għandhom appartenenti lir-Rikorrenti. B'hekk l-Artikolu 381(1)(a) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jinkwadrax f'dan il-każ; (iii) l-Artikolu 381 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-ebda mod ma jimpedixxi lil kreditur milli jressaq azzjoni għas-sekwestru fuq tifdil li d-debitur jista' jkollu ma' terzi, inkluż soċjetajiet bankarji. L-uniċi eċċezzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 381 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta huma dawk previsti fis-sub-paragrafi (g) u (h) tas-subinċiż (1) li jirreferu għal overdrafts ta' azjendi kummerċjali, garanziji

bankarji u ittri ta' kreditu; (iv) jekk it-talbiet tar-Rikorrenti kellhom jiġu milqugħa, is-soċjetà intimata ssoffri dannu għaliex ma jkollha l-ebda serħan tal-moħħ li l-ammonti lilha dovuti fil-fatt ser jitħallsu; (v) għalkemm ir-Rikorrenti titlob li tiġi awtorizzata tiżbanka *ammonti li digà ġew depożitati*, hija ma tagħti l-ebda informazzjoni dwar minn liema Ċedoli għandu jsir l-iżbank. Minn verifiki li saru, ma jirriżultax li fil-fatt ġew depożitati xi fondi taħt l-Awtorità tal-Qorti;

Rat id-dokumenti annessi mar-Risposta tas-soċjetà intimata markati Dok. "A" u Dok. "B";

Semgħet ix-xhieda tar-Rikorrenti mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' April 2021;

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Rat l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-Numru 2957/11 fl-ismijiet "Mobisle Communications Limited v. Susan Muscat", allegat ma' l-atti ta' dawn il-proċeduri;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proċeduri odjerni r-Rikorrenti titlob li, minkejja l-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-Numru 2957/11 fl-ismijiet "Mobisle Communications Limited v. Susan Muscat" maħruġ fil-konfront tagħha, hija tiġi awtorizzata sabiex kull xahar tirtira l-paga tagħha, liema paga tiġi depożitata fil-kont bankarju tagħha, u li tiġbed l-ammonti li ġia ġew depożitati relattivament għall-paga ta' Frar u Marzu, u dana f'ammonti li ma jaqbżux is-somma ta' €698.81 fix-xahar. Ir-Rikorrenti tibbaża t-talba tagħha fuq l-Artikolu 381(1)(a) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi illi: *ma jistgħux jinħarġu mandati ta' sekwestru fuq - (a) salarju jew paga (magħdudin il-bonus, allowances, overtime u ħlasijiet oħra)*, u anke tagħmel referenza għall-Artikolu 382 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li: *fil-każ ta' salarju, paga, benefiċċju, pensjoni jew allowance imsemmija fl-artikoli 381(1)(a) u (b), ħlief għal kull benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna imsemmija fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, meta dawk jeċċedu sitt mija u tmienja u disgħin euro wieħed u tmenin ċenteżmu (698.81) fix-xahar jew dik is-somma li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' minn żmien għal żmien b'ordni jistabilixxi, il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru jkun jgħodd fuq dik il-parti li teċċedi l-ammont imsemmi qabel. ...*

Is-soċjetà intimata topponi għat-talbiet tar-Rikorrenti u titlob li l-istess jiġu miċħuda in bażi għas-segwenti oġġezzjonijiet: (i) it-talbiet tar-Rikorrenti huma nulli in kwantu huma rivolti fil-konfront ta' soċjetà, ossia s-soċjetà Mobisle Communications Limited, li ġiet stralċjata minn fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet wara li b'effett mid-19 ta' Diċembru 2015 l-imsemmija soċjetà ġiet amalgamata fis-soċjetà GO p.l.c.; (ii) il-Mandat ta' Sekwestru fil-konfront tar-Rikorrenti ma ġiex intavolat fir-rigward ta' xi kategorija indikata fl-Artikolu 381(1)(a) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda sar biss fil-konfront ta' numru ta' banek flimkien mar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali bħala sekwestratarju għal flejjes li huma jistgħu jkollhom depożitati għandhom appartenenti lir-Rikorrenti. B'hekk l-Artikolu 381(1)(a) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jinkwadrax f'dan il-każ; (iii) l-Artikolu 381 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta,

bl-ebda mod ma jimpedixxi lil kreditur milli jressaq azzjoni għas-sekwestru fuq tifdil li d-debitur jista' jkollu ma' terzi, inkluż soċjetajiet bankarji. L-uniċi eċċezzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 381 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta huma dawk previsti fis-sub-paragrafi (g) u (h) tas-subinċiż (1) li jirreferu għal overdrafts ta' azjendi kummerċjali, garanziji bankarji u ittri ta' kreditu; (iv) jekk it-talbiet tar-Rikorrenti kellhom jiġu milqugħa, is-soċjetà intimata ssoffri dannu għaliex ma jkollha l-ebda serħan tal-moħħ li l-ammonti lilha dovuti fil-fatt ser jitħallsu; (v) għalkemm ir-Rikorrenti titlob li tiġi awtorizzata tiżbanka *ammonti li digà ġew depożitati*, hija ma tagħtit l-ebda informazzjoni dwar minn liema Ċedoli għandu jsir l-iżbank. Minn verifiki li saru, ma jirriżultax li fil-fatt ġew depożitati xi fondi taħt l-Awtorità tal-Qorti.

Il-Qorti tqis li l-ewwel kwistjoni li għandha tiġi trattata hija l-oġġezzjoni dwar in-nullità tat-talbiet tar-Rikorrenti sollevata mis-soċjetà intimata.

**In-nullità tat-talbiet tar-Rikorrenti**

Kif joħroġ ferm ċar mir-Risposta tas-soċjetà intimata, hija tikkontendi li t-talbiet tar-Rikorrenti huma nulli għaliex huma diretti lejn soċjetà, ossia Mobisle Communications Limited, li ġiet stralċata wara li b'effett mid-19 ta' Diċembru 2015, ġiet amalgamata fis-soċjetà intimata.

Mingħajr ebda tlaqliq il-Qorti tgħid li assolutament ma taqbilx ma' din l-oġġezzjoni sollevata mis-soċjetà intimata.

Jibda biex jiġi osservat li l-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-Numru 2957/11 inħareġ fl-ismijiet "Mobisle Communications Limited v. Susan Muscat" u għadu f'dawk l-istess ismijiet sa' llum il-ġurnata. B'hekk meta r-Rikorrenti ġiet biex tistitwixxi l-proċeduri odjerni fl-atti ta' dak il-Mandat ta' Sekwestru, hija ma setgħetx għajr li tistitwixxi proċeduri fl-atti ta' dak il-Mandat f'dawk l-ismijiet. Apparte minn hekk, l-Artikolu 354(1) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *amalgamazzjoni jkollha l-konsegwenzi li ġejjin - (a) il-kumpanija li tkun se takkwista tidħol għall-attiv, il-jeddijiet, ir-responsabbiltajiet u l-obbligazzjonijiet kollha tal-kumpaniji li se jkunu akkwistati, kemm bejn il-kumpaniji li se jkunu akkwistati ul-kumpanija li se takkwista, kif ukoll fir-rigward ta' terzi, mingħajr il-ħtieġa ta' xi formalitajiet barra dawk li joħorġu taħt dan it-Titolu; (b) l-azzjonisti tal-kumpaniji li jkunu se jiġu akkwistati għandhom isiru azzjonisti tal-kumpanija li tkun se takkwista; u (ċ) il-kumpaniji li se jkunu akkwistati għandhom jieqfu jeżistu.*

Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-oġġezzjoni dwar in-nullità tat-talbiet tar-Rikorrenti sollevata mis-soċjetà intimata ma hijiex ġustifikata u b'hekk ma jistħoqqx li tiġi milqugħa.

**Mertu tat-talbiet tar-Rikorrenti**

In kwantu rigwarda l-mertu tat-talbiet tar-Rikorrenti, il-Qorti tosserva li s-sekwestratarji indikati fil-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv mertu ta' dawn il-proċeduri nħareġ huma: (i) Bank of Valletta p.l.c., (ii) HSBC Bank (Malta) p.l.c., (iii) Lombard Bank (Malta) p.l.c.; (iv) APS Bank Limited; (v) Volksbank Malta Limited; (vi) Fimbank p.l.c.; (vii) Banif Bank (Malta) p.l.c.; u (viii) ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali. Jirriżulta evidenti għalhekk li f'dan il-Mandat fl-ebda ħin ma ġie

indikat *employer* tar-Rikorrenti bħala sekwestratarju u għaldaqstant il-Mandat ma inħariġx fuq u fir-rigward ta' salarju/paga li r-Rikorrenti kienet jew tista' tkun qed tipperċepixxi.

Dan huwa fatt ċentrali u determinanti għall-vertenza li għandha quddiemha din il-Qorti in kwantu l-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni evidentement ma jinkwadrax fl-ezenzjonijiet previsti u stipulati fl-Artikolu 381(1) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, inkluż għalhekk l-ezenzjoni prevista u stipulata fis-sub-paragrafu (a) tas-subinċiż (1) ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi. Il-fatt illi r-Rikorrenti għandha l-paga dieħla dirett fil-kont bankarju tagħha, skontha mal-Bank of Valletta p.l.c.[1], skewestratarju fuq il-Mandat, ma jistax iwassal biex tali sitwazzjoni tinkwadra fl-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 381(1)(a) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u dana billi tali eżenzjonijiet huma di stretta interpretazione u fi kwalunkwe każ il-kont bankarju huwa awtonomu mill-fondi tal-flejjes depożitati fih.

F'tali rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Tabib Prinċipali tal-Gvern v. Hazel Pannel, Appell Ċivili Nru. 406/08** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) is-27 ta' Marzu 2009, fejn dik il-Qorti osservat illi: *l-eżenzjonijiet li l-liġi proċeduriali telenka fl-Artikolu 381 huma dispożizzjonijiet eċċezzjonali restrinġenti l-eżerċizzju tad-dritt leġittimu tal-kreditur biex jirkupra flejjes dovuti lilu bis-saħħa ta' Mandat ta' Sekwestru. Jingħad, difatti, illi 'le disposizioni per cui la legge in alcuni casi esenta dalla soggezione ai diritti del creditore certi beni del debitore sono eminentemente eccezionali al principio che tutti i beni presenti e futuri sono la garanzia del creditore, principio consacrato anche espressamente nell articolo 1763 dell'Ordinanza VII del 1868 (illum Artikolu 1994 tal-Kodiċi Ċivili) e pertanto tali disposizioni eccezionalissime sono di strettissima interpretazione" u allura "all'interprete della legge non è lecito sostituire la sua opinione alla volontà del legislatore, formalmente espressa in una disposizione di cui il testo è chiaro. Ara "Antonio Pulè v. Negte. Giuseppe Borg" Prim' Awla, Qorti Ċivili, 28 ta' Ottubru 1927. Fi ftit kliem, dan ifisser illi kull disposizzjoni singola prevista mill-Artikolu 381 ma tistax tiġi estiża oltre l-każijiet f'dan l-istess artikolu espress.*

Peress illi f'dak il-każ il-Mandat ta' Sekwestru hemm kontestat effettwa l-kont bankarju tar-rikorrenti f'dawk il-proċeduri, il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) osservat ulterjorment illi *l-kont huwa awtonomu mill-fonti tal-flejjes depożitati fih u, allura, strettament l-Artikolu 381 tal-Liġi ma jistax lanqas ikollu applikabilità. Li kieku kellu jiġi raġunat mod ieħor ikun ifisser illi l-ebda mandat ta' sekwestru ma jkun jista' jiġi servut f'idejn il-banek jew dan ikollu effett fejn il-kontijiet tad-debitur jkunu jikkonsistu minn depożiti ta' salarji, paga, pensjonijiet jew flejjes oħra għal liema tipprovdi l-elenkazzjoni fil-predett artikolu. Dan ċertament mhux dak li tgħid jew trid il-liġi tant li f'din l-istess elenkazzjoni mkien ma huma annoverati d-depożiti bankarji, hu x'inhu s-sors tagħhom. Mhux leċitu, allura, li kif esprimew id-deċiżjonijiet suċċitati, il-qagħda tas-sekwestru de quo tiġi estiża oltre dawk l-eżenzjonijiet partikolarizzati dettati f'dak l-artikolu.*

---

[1] Vide xhieda mogħtija mir-Rikorrenti waqt is-seduta tas-27 ta' April 2021.

Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għad-Digriet mogħti minn din il-Qorti diversament presjeduta, datat 6 ta' Marzu 2013, in segwitu għal **Rikors fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 445/12 fl-ismijiet Nazzareno Vassallo v. Rosanne Zammit, Rik. Nru. 20/13**, fejn ġie osservat *illi dan l-Artikolu* (l-Artikolu 381 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta) *huwa ta' natura eċċezzjonali u fil-każ ta' pagi huwa ikkwalifikat bl-Artikolu 382 tal-Kap. tal-Liġijiet ta' Malta fejn jiġi speċifikat li l-Artikolu 381(1)(a) huwa limitat biss bl-ammont ta' sitt mija u tmienja u disgħin ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€698.81) fix-xahar. Dan l-artikolu huwa applikabbli meta s-sekwestratarju jkunu l-employers u/jew dipartiment u ma hux applikabbli meta s-sekwestratarji jkunu l-banek. Dan għaliex hekk kif flejjes jiġu depożitati f'kont bankarju huma jiġu meqjusa bħala depożitu kummerċjali u b'hekk nonostante l-fatt li jistgħu jkunu pensjoni/paga/allowance/għajnuna, hekk kif jiġu depożitati huma jitilfu n-natura tagħhom bħala tali u jiġu meqjusa bħala depożitu bankarju. …*

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk kjarament jirriżulta li fid-dawl tal-fatti specie tal-każ in eżami, it-talbiet tar-Rikorrenti ma humiex legalment sostenibbli u konsegwentement ma jistgħux jiġu milqugħa.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, filwaqt li tiċħad l-oġġezzjoni tan-nullità tat-talbiet tar-Rikorrenti sollevata mis-soċjetà intimata, tilqa' l-oġġezzjonijiet tagħha fil-mertu u b'hekk tiċħad it-talbiet avvanzati mir-Rikorrenti bir-Rikors ippreżentat fil-15 ta' April 2021.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mir-Rikorrenti.

**Mogħti llum 10 ta' Mejju 2021**

**MAĠISTRAT**